**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Marzu, 2017

Rikors Nru : 458/16 AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fl-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elf disa` mija u tmienja u disghin (1998);

Illi l-partijiet ilhom separati sa mit-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) permezz ta' kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Dr. Josef Christian Masini Vento bhala Dokument "A";
Illi nonostante dan huma ilhom separti de facto u ma jghixux bhala mizzewgin ghal aktar minn erbgha (4) snin kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dan ir-rikors;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewgin.

Illi ma hemm l-ebda arretrati ta’ manteniment dovuti.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talbet illi l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar l-erbatax (14) ta’ Novembru tas-sena elf disa mija u tmienja u disghin (1998).
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir - Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha jinforma lill-Qorti li t-talbiet attrici mhux qed jigu opposti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta’ Ottubru, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta’ Lulju 2015 u de facto separati ghal aktar minn erbgha snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.